MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 148/1997/1

Michaelangelo Vella u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria mart Michaelangelo Vella u wliedu l-werrieta tieghu Father John Vella, George Vella, Consiglia Attard u Anthony Vella

Vs

Magro Properties Limited.

Il-Qorti,

**Kawza ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni wara hsara li saret f'karrozza meta cediet parti minn gallarija - Artikolu 1041 tal-Kodici Civili.**

Rat l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu prevja dikjarazzjoni illi s-socjeta konvenuta hi responsabbli ghall-

hsarat li saru fil-vettura tat-tip Skoda IAV 098 fl-incident li gara fis-17 ta' Awwissu 1997 meta waqghu balavostri minn fuq il-proprjeta' taghha, tig kundannata thallas id-danni sofferti.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijet prezentata fit-8 ta' Jannar 1998, is-socjeta konvenuta qeghda tikkontesta r-responsabbilta' ghall-incident de quo.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tal-access li sar mill-Qorti nhar il-Hamis 3 ta' Mejju 2007 (fol. 98).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-20 ta' Settembru 2007 mis-socjeta konvenuta filwaqt li ma jirrizultax li l-atturi pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.
Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti principali tal-kawza huma s-segwenti:

(a) Il-kumpannija Magro Properties Limited hi proprjetarja ta' blokk ta' appartamenti bl-isem ta' Peace Haven Court, Triq Manwel Magro, Marsalforn, Ghawdex li jinkludi l-appartament numru 5 (ara xhieda moghtija minn John Magro – fol. 45).
(b) F'dan l-appartament hemm gallarija miftuha tal-gebel.
(c) Fis-17 ta' Awwissu 1997 dan l-appartament kien mikri lill-barranin. Il-lokatur kienet il-kumpannija Gozo Services Limited li taghha John Magro ddikjara li hu direttur ukoll.
(d) Il-manutenzjoni tal-blokk in kwistjoni kien jaghmlu certu Peter Paul Vella, li ddikjara li *"xogholi huwa dak li niehu hsieb ix-xoghol ta' maintenances li jkun mehtieg lill-kumpanniji li jiffurmaw parti mill-Magro Brothers Group"* (fol. 59).
(e) Dakinhar sehh incident meta l-parti ta' quddiem tal-gallarija tal-gebel waqghet ghal isfel u saret

hsara fil-vettura Skoda IAV-098 (ara ritratti a fol. 11) li kienet ipparkjata fi Triq Manwel Magro proprju taht il-gallarija.

(f) Fil-hin ta' l-incident uhud mill-inkwilini kienu qeghdin, permezz ta' habel tan-nylon, itellghu basktijiet minn Triq Manwel Magro.

2. L-attur qieghed isostni li s-socjeta konvenuta, bhala l-proprjetarja ta' l-appartament, ghandha taghmel tajjeb ghall-hsara peress: *"Naf illi l-balavostri fi Flat 5 Peace Haven Court ma kienux imwahhlin skond is-sengha. Dawn ghandhom ikunu imwahhlin permezz ta' mincott li hija toqba id-daqs ta' madwar sitt pulzieri mimlija bis-cement biex is-soll u l-ballavostri isiru haga wahda. F'dan il-kaz ix-xoghol ta' rinfurzar fuq il-balavostri tal-konvenut kien jikkonsisti biss f'toqba zghira hafna, ta' rebekkin, li kienet mimlija bit-tajn"* (fol. 23). Imbaghad fil-kors tal-proceduri l-atturi bdew jargumentaw li l-gallarija kienet daghjfa ghaliex kien hemm nuqqas ta' manutenzjoni. F'dan ir-rigward gew ezebiti wkoll ritratti li jinsabu a fol. 96, u li skond l-atturi dawn ir-ritratti juru l-istat ta' wahda mill-gallariji fil-blokk Peace Haven Court.

Min-naha taghha s-socjeta konvenuta tikkontesta li din il-gallarija ma kienitx mibnija skond is-sengha u l-arti, u tattribwixxi l-incident ghall-uzu hazin li kien qieghed isir minnha mill-inkwilini tal-appartament u skond id-direttur tas-socjeta konvenuta *"il-balavostri cedew bil-piz waqt li kienet qed issir din il-manuvra"* (fol. 45). Il-provi jinkludu rapport imhejji mill-perit Andre' Zammit li jsostni li wara li gara l-incident kien mar fuq il-post u ra l-balavostri. Ix-xhud ikkonferma li *"kollox kien jidher marbut permezz ta' bow-shaped ties mimlija bis-siment abjad. Ghalhekk kollox kien maghqud skond is-sengha u l-arti u b'materjal li joffri s-sahha necessarja ghall-uzu normali ta' gallerija…. Jidher li s-siment abjad li kien jghaqqad il-gallerija in kwistjoni kien ta' kwalita' inferjuri"* (fol. 60). Saret ukoll riferenza ghar-rapport imhejji mill-perit Guido Vella fl-atti tal-inkjesta magisterjali li saret, kopja ta' liema giet ezebita mill-atturi. F'dan ir-rapport il-perit tekniku kkonkluda li:*"Bhala struttura l-gallerija ma kellha xejn xi tmaqdar jew*

*ticcensura (ghall-finijiet tal-incident) ghalkemm wara ttiehdu prekawzjonijiet addizzjonali”*.

3. Il-principju generali hu: *“Attessocche’ contrariamente a quanto sembra aver ritenuto la prima Corte, quando in un giudizio di risarcimento di danni l’attore allega d’aver sofferto il danno di culi reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli e’ nell’obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche’ la colpa e’ un’ipotesi giuridica e generica finche’ sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione, alla quale potesse attribuirsi la rottura del cilindro della motocicletta in quistione che l’attore nel suo atto di citazione ha allegato d’essere stata cagionata dal convenuto”* (**Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-23 ta’ Novembru 1921 [Vol. XXIV.i.894]). Issir ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb noe et** [Citaz. Nru: 1264/99TM] deciza fit-3 ta’ Lulju 2003:- *“fil-kaz ta’ azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta’ prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f’tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert”*.

Imbaghad, skond l-Artikolu 1041 tal-Kodici Civili (Kap. 16):

*“Is-sid ta’ bini jwiegeb ghall-hsara li ssir mit-tigrif tal-bini, meta dan it-tigrif jigri minhabba nuqqas ta’ tiswijiet, jew minhabba difett fix-xoghol tal-bini, izda dan kemm-il darba s-sid kien jaf b’dak id-difett, jew kellu ragun jahseb li dak id-difett kien jezisti”*.

Provvediment li hu simili ghall-Artikolu 1155 tal-Kodici Civili Taljan tal-1865:

*"Il proprietario di un edifizio e' obbligato pe'danni cagionati dalla rovina di esso, quando sia avvenuta per mancanza di riparazione o per un vizio nella costruzione"*[1].

Dwar id-difett fil-kostruzzjoni m'hemmx il-kwalifika li nsibu fl-Artikolu 1041 tal-Kodici Civili (Kap. 16) fis-sens li fil-kaz ta' difett irid jirrizulta li *"….is-sid kien jaf b'dak id-difett, jew kellu ragun jahseb li dak id-difett kien jezisti"*.

Skond l-Artikolu 2053 tal-Kodici Civili Taljan vigenti:

*"Il proprietario di un edificio o di altra costruzione e' responsabile dei danni cagionati dalla loro rovina, salvo che provi che questa non e' dovuta a difetto di manutenzione o a vizio di costruzione"*.

Taht il-ligi Taljana prezenti hu stabbilit li *"la responsab. del proprietario di un edificio o di altra costruzione per I danni cagionati dalla loro rovina e' una responsab. non oggettiva ma una responsab. legale presunta a carico del medesimo (88/6938)"* (*Commentario Breve al Codice Civile*, G. Cian u A. Trabucchi, Cedam pagna 2336).

Pier Giuseppe Monateri f'artiklu *La Responsabilita' Civile per Danni Causati da Rovina di Edifcio* (22 ta' Ottubru 2002)[2] ikkummenta hekk:

*"La norma attuale ha soppiantato il previgente art. 1155 del codice del 1865, **che poneva a carico del danneggiato l'onere di dimostrare che la rovina derivava da un vizio di costruzione o da un difetto di manutenzione**. L'onere probatorio è ora stato spostato sul proprietario, sul quale incombe la dimostrazione che il danno non sia dipeso dal difetto o dal vizio. L'art. 1669 c.c. regola l'azione di regresso del proprietario contro il costruttore. Tale articolo dovrebbe concernere una responsabilità di tipo contrattuale, ma la Corte di*

---

[1] Domenicantonio Galdi: "*Codice Civile del Regno d'Italia*" (Napoli) 1865 parte 2 pg.895.

[2] Pubblikat fil-Volum *Illecito e Responsabilita' Civile*, 2005 (Volum X – Tomo I). G. Giappichelli Editore.

*Cassazione ha stabilito che l'interesse protetto è un interesse pubblico, ed ha, dunque, deciso che tale azione è delittuale".*

4. Il-Qorti taf li hemm sentenzi li nterpretaw l-Artikolu 1041 tal-Kodici Civili bhala wiehed li jaghti lok ghall-presunzjoni ta' responsabbilta' kontra s-sid tal-bini (ara per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **Citadel Insurance plc vs Paul Berry et** deciza fl-24 ta' Jannar 2007). Pero' bid-dovut rispett din il-Qorti ma taqbilx, in kwantu:-

(a) Fl-ebda parti tal-provvediment ma jinghad li l-oneru tal-prova qieghed fuq is-sid;
(b) Ir-responsabbilta' ghall-hsara huwa dipendenti fuq il-fatt li *"…s-sid kien jaf b'dak id-difett, jew kellu ragun jahseb li dak id-difett kien jezisti".* Din m'hijiex xi presunzjoni imma trid tigi ppruvata;
(c) Is-sid iwiegeb ghad-danni fil-kaz li t-tigrif isir minhabba nuqqas ta' tiswijiet jew minhabba difett fix-xoghol tal-bini. Mela jinkombi fuq l-attur li jaghti prova li t-tigrif sar ghal xi wahda minn dawn iz-zewg ragunijiet.

Bla dubju l-formulazzjoni tal-Kodici Civili Taljan vigenti hu iktar idoneju ghaz-zmienijiet tal-lum. Madankollu, il-Qorti hi kostretta li tapplika l-ligi kif inhi llum. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li anke f'dan il-kaz partikolari ghandhom japplikaw ir-regoli generali dwar l-oneru tal-prova.

5. Il-fatt li f'dan il-kaz iggarrfet gallarija, il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ma ghandux jigi applikat l-Artikolu 1041 tal-Kodici Civili. Il-gallarija hi parti mill-bini. Dan il-provvediment sab l-applikazzjoni tieghu anke f'kazijiet fejn iggarraf saqaf (**Feedstuffs Compound Co. Limited vs Catimpex Limited et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Jannar 2003) jew *"impjanti u l-installazzjonijiet"* ta' go fih (ara per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Giovanni Vella et vs Michael Cilia** deciza fit-23 ta' Gunju 2004).

6. Fir-rigward ta’ responsabbilta’ l-Qorti tqies li:-

(a) M’ghandha l-ebda prova li l-gallarija meritu ta’ din il-kawza kienet strutturalment difettuza. Anzi l-provi juru mod iehor. Hu minnu li l-gallarija hi baxxa tant li l-perit Guido Vella rrelata li *“L-gholi tal-balavostrar li waqa kien medja ta’ 813 millimetri mkejjlin mill-wicc tal-paviment tal-gallarija sal-wicc ta’ fuq tal-bank ta’ fuq. Dan hu anqas mill-gholi rikjest mil-ligi”*. Sahansitra, wara li sehh dan l-incident sar il-hadid sabiex tizdied is-sigurta. Dan il-hadid sar mhux biex isahhah l-istruttura tal-gallarija imma minhabba l-gholi tal-gallarija. Dan apparti l-fatt li l-hsara ggarbbet minhabba li cedew il-bank u l-balavostri tal-gallarija, liema tigrif ma jirrizulta li kellu l-ebda konnessjoni mal-gholi tal-gallerija. Il-perit Andre’ Zammit, inkarigat mis-socjeta konvenuta, irrelata hekk dwar il-gallariji fil-blokk in kwistjoni:- *“Il-galleriji kollha fil-blokk kienu mibnija fuq stil tradizzjonali b’balavostri tal-gebel. Il-galleriji kienu jikkonsistu bil-parti t’isfel f’ringiela ta’ blokki gebel pogguti fuq il-konkrit tal-gallerija; imbaghad fuqhom kien hemm ringiela balavostri tal-gebel bil-pilastri fil-kantunieri u fuq il-balavostri kien hemm blokki tal-gebel li jiffurmaw is-soprabank. Kollox kien jidher marbut permezz ta’ bow-shaped ties mimlija bis-siment abjad. Ghalhekk kollox kien maqghud skond is-sengha u l-arti u b’materjal li joffri s-sahha necessarja ghall-uzu normali ta’ gallerija. Il-balavostri li waqghu fil-kaz in kwistjoni kienu dawk li jinsabu fin-nofs tal-gallerija filwaqt li dawk li baqghu fil-post kienu dawk tal-gnub. Il-balavostri tal-gnub dehru li kienu ghadhom shah u intatti u ma kellhomx problemi strutturali. Jidher li s-siment abjad li kien jghaqqad il-gallerija in kwistjoni kien ta’ kwalita’ tajba”* (fol. 60). Min-naha tieghu l-perit Guido Vella (inkarigat mill-Magistrat inkwirenti) irrelata li *“**bhala struttura l-gallerija ma kellha xejn xi tmaqdar jew ticcensura (ghall-finijiet tal-incident) ghalkemm wara ttiehdu prekawzjonijiet addizzjonali**”*. Is-socjeta konvenuta pprezentat ukoll rapport datat 27 ta’ Awwissu 1997 imhejji mill-perit Adrian Mamo (fol. 69) li spezzjona l-gallarija fejn sehh l-incident; *“All the balconies are traditional style stone balustrade balconies which appear to have been constructed in the*

*same manner, using the same building technique and materials…… The 5 stone slabs making up the soprabank are all jointed according to the correct and accepted building practice of using bow-shaped ties filled with white cement, in the manner shown on the accompanying sketch. The edge slabs are also tied to the walls by means of cement ties. The dimensions of these cement ties are also detailed in the sketch and should offer adequate strength for the normal use of a balcony. The filler used in the ties on the balcony of Flat No. 5 was of a good, strong white cement mix"*. Fid-dawl ta' dawn id-dikjarazzjonijiet li saru minn nies teknici l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-gallarija kienet strutturalment difettuza. Hu minnu li l-Ispettur Paul Vassallo, fil-kors tal-inkjesta magisterjali, xehed[3] li *"mill-parti tal-bank ta' fuq li spiccat fuq il-karrozza Skoda IAV 098 (kif jidher fir-ritratt esebit) jiena stajt nara li ma kienx hemm tracci ta' cement izda tajn abjad, u dwar dan gbidt l-attenzjoni tal-Perit Gudio Vella, Espert tal-Qorti"*. Madankollu dan ma jfissirx b'daqshekk li l-gallarija ma kienitx strutturalment idoneja.

(b) Ghal dak li jittratta l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' tiswijiet, il-Qorti hi tal-fehma li kuntrarjament ghal dak li tallega s-socjeta konvenuta l-gallarija fejn sehh l-incident ma kienitx mizmuma tajjeb. Ghalkemm is-socjeta konvenuta ressqet lil Peter Paul Vella bhala xhud sabiex taghti prova li l-manutenzjoni kienet issir b'mod regolari, fil-fehma tal-Qorti r-ritratti ezebiti mill-attur (juru gallarija ohra fl-istess blokk) jaghtu prova li din il-manutenzjoni ma kienitx qeghda ssir jew ghallinqas ma kienitx qeghda ssir b'mod regolari. Dan kuntrarjament ghax-xenarju li pprovat tpingi s-socjeta konvenuta. Fatt li jsib il-konferma tieghu f'risposta li kien pprezenta l-perit Guido Vella ghal rikors li kien sar fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali. Il-perit Vella kien iddikjara li fl-20 ta' Awwissu 1997 kien spezzjona l-gallarija ta' fuq nett u kkonstata:-

*"a. Illi zewg balavostri ghal nofs il-faccata kienu loose, billi t-tikhil ta' rashom kien inqata minn mal-bank. Dawn iz-*

[3] Seduta li saret fis-17 ta' Awwissu 1997.

*zewg balavostri kienu jitbandulu, billi anke t-tikhil ta' ma saqajhom ma kienx ghadu jzomm.*
*b. Illi uhud mill-mincotti li suppost kienu jzommu l-bicciet tal-bank ta' fuq ma xulxin kienu maqtughin ghal kollox. Hekk il-balavostrar kollu kien jivvibra malli tmissu, u l-icken pressjoni laterali setghet titfghu ghal isfel.*
*c. Illi d-disinn tal-balavostrar kien jixbah ferm lil dak tal-gallerija li waqghet.*
*d. Illi l-balavostri kienu parzjalment mikulin bil-melh, li kiel il-wicc taghhom li gie pitted, u hekk dan il-melh naqqas parzjalment mill-hxuna tal-istess balavostri.*
*e. Illi uhud mill-balavostri kellhom difetti ohra konsistenti f'toqob pjuttost kbar.*
*f. Illi l-bank ta' fuq ma kienx imqabbad sewwa mal-faccata tal-bini.*
*g. Illi generalment dan il-balavostrar kien ikun sors ta' perikolu ghal min johrog fil-gallerija".*

Fil-fehma tal-Qorti dan il-kwadru tal-fatti (li fl-ebda stadju tal-provi ma gie kontestat) jikkonferma li l-verzjoni tas-socjeta konvenuta li *"…fiz-zmien li fih sehh l-incident in kwistjoni, il-balavostri in dizamina kienu fi stat ta' manutenzjoni tajba"*, m'hijiex verosimili. Il-Qorti tista' facilment tikkonferma wkoll li wara l-access li ghamlet fuq il-post, ir-ritratti CG16-CG20 (fol. 96) juru proprju gallarija ohra fil-blokk in kwistjoni, u li tidher fi stat hazin. Anke John Saliba impjegat ta' Tigrija Developments Limited (fi hdan il-grupp Magro Brothers) gharaf il-gallarija li tidher fir-ritratt CG17 u CG19 bhala dik ta' appartament fil-blokk Peace Haven. John Magro (direttur tal-kumpannija konvenuta) xehed li *"jien kelli certu persuna Peter Paul Vella li kienet tiehu hsieb il-maintenance tal-proprjeta' tal-kumpannija tieghi u ma rrizultax li l-gallerija in kwistjoni kellha bzonn ta' xi maintenance"* (fol. 45). Min-naha tieghu Peter Paul Vella xehed *"ix-xoghol tieghi u tal-haddiema tieghi fir-rigward tal-blokk in kwistjoni huwa dak li ta' l-inqas darba fis-sena nispezzjonaw il-post kollu u nassiguraw irwiehna li jinsab fi stat ta' manutenzjoni tajjeb"* (fol. 59). Kompla jghid *"fost ohrajn fix-xoghol ta' maintenance ordinarju taghna niccekjaw anki l-istruttura tal-galleriji u naghmlu x-xogholijiet fihom li kien ikun hemm bzonn. Gieli rajna li kellhom bzonn ta' xoghol ta' tikhil jew*

*xoghol iehor u ghamilnieh"* (fol. 59). Pero' certament li din il-verzjoni ta' fatti m'hijiex korraborata u anzi r-ritratti ezebiti a fol. 96 u minn dak li ddikjara l-perit Guido Vella, il-verzjoni moghtija minn John Magro u Peter Paul Vella giet skreditata.

Il-Qorti ma tistax tonqos ukoll milli tikkummenta kif wara li sehh l-incident is-socjeta konvenuta naqset milli tikkopera mal-perit tekniku li gie nkarigat mill-Magistrat Inkwirenti u l-atteggjament taghha jaghti lok ghal suspetti fondati.

Fir-rapport imhejji fl-inkjesta, il-periti gudizzjarji l-perit Guido Vella u l-avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace rrelataw li *"il-partijiet tal-gebel tal-gallerija kienu jidhru li kien ghadhom fi stat tajjeb, ghalkemm kellhom xi sinjali ta' melh. It-toqba tal-ilma tal-balavostrar ma kienitx tinfed, u ghalhekk hemm certu dubju dwar kemm verament kienet issir Maintenance regolari fuqu ghalkemm din it-toqba kienet estraneja ghal kollox ghall-incident"*. Hu minnu li l-perit Andre' Zammit (inkarigat mis-socjeta konvenuta) irrilaxxa rapport datat 20 ta' Settembru 1997 (fol. 62) fejn ikkonferma li kien spezzjona l-appartamenti numru 4,5,6,7 u 8 u *"…have found these flats in good order and condition and completely safe for any normal use"*. Pero' l-Qorti ma tifhimx din id-dikjarazzjoni fl-isfond ta' dak li ddikjara l-perit Guido Vella fil-kors tal-qadi ta' l-inkarigu tieghu fl-inkjesta magisterjali u r-ritratti li juru l-istat tal-gallarija tal-appartament ta' fuq.

Is-socjeta konvenuta argumentat ukoll li ma kellix obbligu li taghmel xoghol ta' manutenzjoni in kwantu l-fond kien mikri lill-kumpannija Gozo Services Limited u skond klawzola numru 9 tal-ftehim ta' lokazzjoni datat 13 ta' Mejju 1986 *"tenant shall be responsible for the maintenance works or repairs whether ordinary or extra-ordinary which may be required in respect of the premises"* (fol. 48). Ftehim li jidher li baqa' jiggedded matul is-snin. Madankollu dan il-ftehim hu *res inter alios acta* ghad-danneggjat u hu evidenti li l-ligi (fl-Artikolu 1041 tal-Kodici Civili) tqieghed l-obbligu fuq is-sid. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li John Magro (direttur tal-kumpannija konvenuta) xehed li *"jien kelli certu persuna*

*Peter Paul Vella li kienet tiehu hsieb il-maintenance tal-proprjeta' tal-kumpannija tieghi u ma rrizultax li l-gallerija in kwistjoni kellha bzonn ta' xi maintenance"* (fol. 45).

Is-socjeta konvenuta ghamlet ukoll riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Rosaria Attard et vs Joseph Farrugia nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fl-14 ta' Lulju 1988. Dik il-kawza kienet tittratta mewt ta' persuna li kienet qaghdet titbandal ma' gate u l-pilastru li kienet imwahhla mieghu waqa' u qatel lil din il-persuna. Il-Qorti ghamlet riferenza ghal dak li qal l-awtur Charlesworth (The Law of Negligence): *"The obligation to maintain premises adjoining the highway so that they are not dangerous to person using the highway extends to fences and boundary walls adjoining the highway. If a person in the ordinary use of the highway, leans upon or otherwise comes in contact with the fence or wall so that it gives way and he is injured, he can recover from the occupier of the premises"*. Il-Qorti ghaddiet biex tikkonferma li r-responsabbilta' ghad-danni kienet tiddependi jekk kienx hemm *"ordinary and reasonable use of the highway"* u *"…ghalhekk jekk wiehed jistrieh ma' hajt ta' fond u dan icedi, ikun hemm dritt ghad-danni kontra d-detentur tal-fond"*. Mill-provi li tressqu l-Qorti m'ghandix dubju li l-persuni (Ian Etheridge u Roy Sherwin) li kienu fil-gallarija jtellghu basktijiet mit-triq ma kienux qeghdin sempliciment jistriehu mal-gallarija. Il-Qorti temmen Roy Sherwin kien qieghed jaghmel certu forza mal-gallarija sabiex ikun jista' jtella' l-basktijiet li fihom kien hemm materjal tal-bughaddasa (mix-xhieda rrizulta li dakinhar ta' l-incident kien hemm ghaxar basktijiet b'kollox li ttellghu b'din is-sistema). Procedura li kienet diga' ntuzat fil-gurnata ta' qabel. Il-prudenza kienet titlob li l-affarijiet ma jittellghux fl-appartament b'dan il-mod u dak li kienu qeghdin jaghmlu dawn it-tnejn min-nies ma jistax jigi kwalifikat bhala *"ordinary and reasonable use"*. Mill-provi li tressqu jidher li kieku ma kienitx qeghda ssir forza mal-faccata tal-gallarija, dan l-incident ma kienx isehh. Madankollu l-Qorti ma tistax tieqaf hawn u trid tqies ukoll jekk kien hemm xi nuqqas min-naha tas-socjeta konvenuta ghal dak li jikkoncerna l-manutenzjoni tal-gallarija. Mill-provi rrizulta x'tip ta' habel l-inkwilini kienu qeghdin juzaw sabiex

itellghu l-affarijiet mit-triq. Fil-kors tal-inkjesta magisterjali saru testijiet fuq dan il-habel u rapport tekniku mill-perit Anthony Cassar. Il-habel gie kkonstatat li jerfa’ piz ta’ xi erbgha u sittin (64) kilogram. Il-perit Anthony Cassar irrelata li kien hemm zewg modi li bih wiehed seta’ kien qieghed itella’ l-affarjiet minn isfel. Il-probabilita’ hi li t-tieni metodu deskritt mill-perit Cassar kien qieghed jintuza fil-hin ta’ l-incident[4], tant li l-persuna li kienet qeghda tuza l-habel (Roy Sherwin) kellha ngwanta sabiex ma tweggax bil-habel. Dan il-metodu gie deskritt hekk: *“Billi jaqbad il-habel b’id wahda, filwaqt li bl-id l-ohra jerfa l-piz ftit ftit u dan ikompli minn id ghall-ohra. Dan kollu biex il-habel ma jhokkx mal-gebel tal-gallarija. F’dan il-kaz l-apparat li jkebbeb il-habel ma seta jintuza. B’hekk il-habel kien jaqa’ fl-art fil-gallarija. Ma dana kollu, minhabba li l-habel huwa rqieq, wiehed zgur li ma setax jerfa piz kbir ghax il-habel kien jidhol go idu. Barra minhekk wiehed zgur li ma setax jerfa’ piz ta’ 64 kilogramma b’dan il-mod”*. Ix-xhieda li ressqet is-socjeta konvenuta jghidu li mit-triq kienu qeghdin jittellghu bil-habel cilindri tal-arja li jintuzaw il-bughaddasa. Pero’ hadd minn dawn ix-xhieda ma raw dan isir, u bbazaw fuq dak li semghu minghand haddiehor. Fil-fehma tal-Qorti din ma tikkostitwixxi l-ebda prova. Dawn il-persuni li allegatament raw lill-inkwilini jtellghu bil-habel cilindri tal-arja, setghu facilment gew indikati lill-pulizija *a tempo vergine* fil-kors tal-istharrig li kien qieghed isir. Dan apparti l-fatt li l-midruba xehedu quddiem il-perit Guido Vella li c-cilindri tal-arja kienu tellghuhom fuq l-idejn u mhux bil-habel, apparti l-fatt li mill-provi ma rrizultax x’piz kellhom daw ic-cilindri. Il-Qorti m’hijiex sodisfatta li l-persuni fuq imsemmija kienu qeghdin juzaw dik il-forza kollha ndikata mis-socjeta konvenuta sabiex itellghu l-affarijiet mit-triq[5]. Ovvjament dan ma jfissirx li l-persuni fuq imsemmija ma hadux sehem attiv fil-hsara li giet kagunata fil-vettura ta’ l-attur.

[4] L-ewwel metodu gie deskritt bhala li *“...zzomm il-handle u jaghfas il-lever b’id wahda u bl-ohra jdawwar id-drum u jkebbeb il-habel b’idu t-tnejn barra mill-gallarija. F’din il-posizzjoni persuna normali certament ma tkunx tiflah ittella piz ta’ aktar minn 20 kilogramma u certament impossibli piz ta’ 64 kilogramma”*.

[5] Ara xhieda moghtija mill-perit Andre’ Zammit prodott mis-socjeta konvenuta (affidavit a fol. 60.

Fir-rigward tas-socjeta konvenuta jrid jigi stabbilit jekk kienx hemm dak il-*causal connection* bejn l-azzjoni jew l-ommissjoni u d-danni sofferti mill-attur; "*First, it is usually a condition of liability that not only should one have done, or been responsible for, some act which the law regards as wrongful, but **that there should be a prescribed causal connection between that act and damage or injury for which one is held liable**. There may be other conditions as well, such as that the harm should have been foreseeable. But some prescribed causal connection is usually required. Secondly, the question of what should count as a sufficient causal connection is a question of law…"* (Lord Hoffman f'artiklu fil-*Law Quarterly Review*, 2005 pagna 596). Hsara tista' ssehh ghal iktar minn raguni wahda. Fil-kaz ***McGhee v National Coal Board [1973]*** gie osservat mill-House of Lords li *"It has always been the law that a pursuer succeeds if he can show that **fault of the defender caused or materially contributed to his injury**. **There may have been two separate causes but it is enough if one of those causes arose from the fault of the defender.** The pursuer does not have to prove that this cause would of itself have been enough to cause him injury."* Il-Qorti hi tal-fehma li mehud in konsiderazzjoni tal-fatti fuq imsemmija u fuq bilanc ta' probabiltajiet, in-nuqqas ta' manutenzjoni kkontribwit biex sehh l-incident fis-sens li dghajjfet is-sahha u resistenza tal-gallarija in kwistjoni. F'dan il-kwadru tal-fatti l-Qorti tirravviza wkoll responsabbilta' min-naha tas-socjeta konvenuta in kwantu dan in-nuqqas ikkontribwixxa ghall-incident meritu ta' din il-kawza. Ix-xhieda u dikjarazzjonijiet li saru mill-periti ma jistghux iservu biex inehhu l-konvinzjoni tal-Qorti dwar l-istat tal-gallarija, iktar u iktar meta jirrizulta li hadd minnhom ma kien ra l-gallarija fi zmien qrib id-data ta' l-incident.

Fejn imbaghad diversi persuni jiehdu parti f'ghemil li kkaguna hsara minghajr ma tista' tigi stabbilita l-parti tal-hsara ta' kull wiehed minnhom, ghandhom jigu mizmuma responsabbli ta' dik il-hsara dawk kollha li hadu parti fiha (Artikolu 1050 tal-Kodici Civili). Ghalkemm il-ligi taghti l-fakolta' lill-Qorti sabiex tqassam fuq kull wiehed mid-

danneggjanti l-hlas tal-hsara skond ic-cirkostanzi tal-kaz, din tirrigwarda biss ir-rapport intern bejn min ikkaguna d-danni izda zgur mhux ir-relazzjoni bejn id-danneggjanti u persuna li sofriet il-hsara (ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Paolo Abela vs Antonio Bonnici et** deciza fit-23 ta' Jannar, 1958[6]). F'dan il-kaz partikolari t-terzi (il-persuni li kienu qeghdin itellghu l-basktijiet) m'humiex parti f'din il-kawza u ghalhekk m'hemmx lok li wiehed jidhol fi kwistjonijiet dwar il-proporzjon li kull danneggjant ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara. L-Artikolu 1050 tal-Kodici jipprovdi li f'tali cirkostanzi min sofra l-hsara *"….jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha…..".*

7. Ghal dak li jittratta dwar likwidazzjoni ta' danni, is-socjeta konvenuta tikkontesta:-

• Is-somma ta' Lm845 ghax-xoghol ta' tiswija ghaliex issostni li l-vettura hi tat-tip Skoda li kienet ilha ghand l-attur madwar ghaxar snin. Mir-ritratti li hemm fl-atti u li juru l-hsara li sofriet il-vettura, hu evidenti li saret hsara estensiva. Wiehed mix-xhieda kien Anthony Saliba (fol. 25) li kkonferma li ghamel ix-xoghol ta' tiswija u l-hsara kienet fis-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltija li tinkludi fiha xiri ta' parts u mano d'opera. Min-naha tas-socjeta konvenuta ma tressqet l-ebda prova li tikkontradici din ix-xhieda. Il-fatt li l-vettura hi tat-tip Skoda ma jfissirx li ma kellix tissewwa jew li ma sarux spejjez fl-ammont fuq imsemmi. Is-socjeta konvenuta tghid li d-dannegjat ghandu *"d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab"*, minghajr ma tghid x'messu sar f'dan il-kaz;

• Fir-rigward ta' non-uzu tal-vettura sakemm din issewwiet, l-attur ma ressaqx provi u ghalhekk m'hemmx x'jigi likwidat. Dan apparti l-fatt li fl-avviz l-attur hemm indikazzjoni cara ta' l-ammont li qieghed jippretendi l-attur

[6] Vol. XLII.ii.868.

in kwantu ddikjara li *"Ghall finijiet tal kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tad danni reklamati huwa ta' tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm845)"*.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u filwaqt li tillikwida d-danni fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm845), tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata, bl-ispejjez kollha (inkluzi dawk li saru ghall-akkwisti tal-kopji tal-atti tal-inkjesta magisterali) kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------